IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.6.2020
COM(2020) 287 final

2020/0134 (NLE)

Proposta għal

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE enfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ Ewropew konġunt fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19. Fis-16 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[1] li tirrakkomanda restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi fiż-żona tal-UE+[2]. Fis-17 ta' Marzu 2020, il-Mexxejja tal-UE qablu dwar azzjoni kkoordinata fil-fruntieri esterni bbażata fuq ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni. Minn dakinhar, l-Istati Membri kollha tal-UE (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda) u l-Istati Assoċjati ma' Schengen (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri") ħadu deċiżjonijiet nazzjonali biex jimplimentaw ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar[3].

Fit-8 ta' April 2020[4] u t-8 ta' Mejju 2020[5], il-Kummissjoni adottat Komunikazzjonijiet ta' segwitu. F'dawn tal-aħħar, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jestendu r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar sal-15 ta' Ġunju 2020.

Fil-laqgħa tagħhom tal-5 ta' Ġunju 2020, il-Ministri għall-Intern iddiskutew kemm għandhom jinżammu r-restrizzjonijiet tal-UE fuq id-dħul fl-UE għal ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-kriterji u l-miżuri li għandhom jiġu applikati meta tittieħed deċiżjoni biex jitneħħew b'mod gradwali tali restrizzjonijiet għal pajjiżi terzi individwali. F'konformità mal-"Pjan Direzzjonali Konġunt Ewropew biex jitneħħew il-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19"[6] tal-15 ta' April, intlaħaq kunsens dwar il-ħtieġa li l-ewwel jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni u mbagħad jiġi segwit approċċ unifikat għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tipproponi triq 'il quddiem ikkoordinata fuq il-bażi ta' kriterji ċari.

Fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[7] li tirrakkomanda li tittawwal ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar sat-30 ta' Ġunju 2020 u li tistabbilixxi approċċ għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE mill-1 ta' Lulju 2020. L-għan ta' din il-proposta huwa li dan l-approċċ jiġi operazzjonalizzat fil-forma ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Din ir-rakkomandazzjoni sservi biex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika, jiġifieri t-twettiq ta' kontrolli fuq persuni u l-monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni.

---

1 COM(2020) 115, is-16 ta' Marzu 2020.

2 Iż-"żona UE+" tinkludi l-Istati Membri kollha ta' Schengen (inklużi l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija), kif ukoll l-erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen. Din tinkludi wkoll l-Irlanda u r-Renju Unit jekk jiddeċiedu li jallinjaw ruħhom.

3 Ir-Renju Unit ġie mħeġġeġ ukoll jimplimenta din ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar temporanju, iżda ddeċieda li ma jagħmilx dan. Billi ċ-ċittadini tar-Renju Unit, sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, għadhom iridu jiġu ttrattati bl-istess mod bħaċ-ċittadini tal-UE, dawn huma eżentati mir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar.

4 COM(2020) 148, it-8 ta' April 2020.

5 COM(2020) 222, it-8 ta' Mejju 2020.

6 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication_-_a_european_roadmap_to_lifting_coronavirus_containment_measures_0.pdf

7 COM(2020) 399, il-11 ta' Ġunju 2020.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din ir-rakkomandazzjoni hija konformi ma' politiki oħra tal-Unjoni, fosthom dawk dwar ir-relazzjonijiet esterni u s-saħħa pubblika.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 292, it-tieni sentenza, u l-punt (b) tal-Artikolu 77(2) tiegħu

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-Artikolu 292 TFUE jippermetti lill-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet. Skont it-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni fil-każijiet kollha fejn it-Trattati jipprovdu li għandu jadotta atti fuq proposta mill-Kummissjoni.

Dan japplika fis-sitwazzjoni attwali, billi approċċ konsistenti fil-fruntiera esterna jeħtieġ soluzzjoni komuni. L-Artikolu 77(1)(b) TFUE jiddikjara li l-Unjoni għandha tiżviluppa politika bil-għan li twettaq kontrolli fuq persuni u li jkun hemm monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni. L-Artikolu 77(2)(b) TFUE jipprevedi miżuri dwar kontrolli fuq persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni. Il-miżuri fuq il-bażi tal-Artikolu 77(2) TFUE għandhom jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Skont l-Artikolu 289(1) TFUE, il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ssir bi proposta mill-Kummissjoni.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi u l-evidenza rilevanti kollha disponibbli. L-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen jibqgħu responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill proposta. Għalhekk, il-proposta hija xierqa biex jintlaħaq l-objettiv maħsub u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ u proporzjonat.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta tqis id-diskussjonijiet mal-Istati Membri minn mindu ġew implimentati l-ewwel restrizzjonijiet temporanji. Ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt għalkemm il-proposta tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika li qed tevolvi u l-evidenza rilevanti kollha disponibbli.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma hemmx

2020/0134 (NLE)

Proposta għal

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

## dwar ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292, it-tieni sentenza u l-Artikolu 77(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni Ewropea enfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ Ewropew bi sħab fir-rigward tal-COVID-19.

(2) Fis-16 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[8] li tirrakkomanda restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi fiż-żona tal-UE+[9] għal xahar. Fis-17 ta' Marzu 2020, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE qablu li jimplimentaw ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali. L-erba' Stati Assoċjati ma' Schengen implimentawha wkoll.

(3) Fit-8 ta' April 2020[10] u fit-8 ta' Mejju 2020[11], il-Kummissjoni adottat żewġ Komunikazzjonijiet ta' segwitu, kull waħda tirrakkomanda l-estensjoni tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali b'xahar, rispettivament. L-Istati Membri kollha ta' Schengen kif ukoll l-erba' Stati Assoċjati ma' Schengen (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri") iddeċidew li jimplimentaw dawn l-estensjonijiet, fl-aħħar istanza sal-15 ta' Ġunju 2020.

(4) Fil-15 ta' April 2020, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-President tal-Kunsill Ewropew stabbilew "Pjan Direzzjonali Ewropew Konġunt biex jitneħħew il-miżuri ta' kontenIment tal-COVID-19"[12]. Il-Pjan Direzzjonali jistabbilixxi approċċ f'żewġ stadji li permezz tiegħu jenħtieġ li l-kontrolli fil-fruntieri interni jitneħħew b'mod koordinat. Sussegwentement, ir-restrizzjonijiet temporanji fil-fruntieri esterni jiġu llaxkati b'mod gradwali u r-residenti mhux mill-UE jkunu jistgħu jerġgħu jibdew l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE.

(5) Il-konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonfermaw il-ħtieġa li jkun hemm estensjoni qasira oħra tar-restrizzjonijiet eżistenti fil-fruntieri esterni u l-imperattiv ta' approċċ unifikat għat-tneħħija gradwali tagħhom.

---

8 COM(2020) 115, is-16 ta' Marzu 2020.

9 Iż-"żona UE+" tinkludi l-Istati Membri kollha ta' Schengen (inklużi l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija), kif ukoll l-erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen. Din tinkludi wkoll l-Irlanda u r-Renju Unit jekk jiddeċiedu li jallinjaw ruħhom.

10 COM(2020) 148, it-8 ta' April 2020.

11 COM(2020) 222, it-8 ta' Mejju 2020.

12 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication_-_a_european_roadmap_to_lifting_coronavirus_containment_measures_0.pdf

(6) Fil-11 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[13] li rrakkomandat li tiġi estiża r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE sal-30 ta' Ġunju 2020, u li tistabbilixxi approċċ għat-tneħħija gradwali tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE mill-1 ta' Lulju 2020. L-Istati Membri kollha implimentaw l-estensjoni ulterjuri sat-30 ta' Ġunju.

(7) Id-diskussjonijiet minn dak iż-żmien 'l hawn saru bejn l-Istati Membri dwar il-kriterji u l-metodoloġija li għandhom jiġu applikati.

(8) Din ir-Rakkomandazzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà li l-Istati Membri għandhom ikomplu japplikaw l-Artikolu 6 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[14], li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' dħul għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. B'mod partikolari, l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà li jivvalutaw jekk, fuq bażi ta' każ b'każ, ċittadin ta' pajjiż terz għandux jitqies bħala theddida għas-saħħa pubblika. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-gwardji tal-fruntieri u l-fornituri tat-trasport.

(9) Il-kontrolli fil-fruntieri huma fl-interess mhux biss tal-Istat Membru li fil-fruntieri esterni tiegħu jsiru dawn il-kontrolli, iżda tal-Istati Membri kollha li abolixxew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri meħuda fil-fruntieri esterni jkunu kkoordinati sabiex ma jkunx hemm riskju fuq il-funzjonament taż-żona Schengen.

(10) Jenħtieġ li deċiżjonijiet dwar it-tneħħija possibbli tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE jqisu s-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-UE, jiġifieri l-għadd medju ta' każijiet ta' COVID-19 matul l-aħħar 14-il jum u għal kull 100 000 abitant. Il-medja tal-UE bħalissa tinsab f'16-il każ.

(11) Ir-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (2005) (International Health Regulations, "IHR") adottati mit-Tmienja u Ħamsin Assemblea Dinjija tas-Saħħa tat-23 ta' Mejju 2005 saħħew il-koordinazzjoni fost il-Partijiet tal-Istati tal-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija (WHO), li tinkludi l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, tat-tħejjija u r-reazzjoni għal emerġenza tas-saħħa pubblika ta' interess internazzjonali. Il-Qafas ta' Monitoraġġ tal-IHR jidentifika l-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika ewlenin li jridu jinżammu minn Partijiet Statali tad-WHO. Id-*data* rrapportata perjodikament minn pajjiżi f'dan il-qafas tista' tinġabar f'punteġġ globali bħala indikatur għall-kapaċità ġenerali għal rispons.

(12) L-effettività ta' deċiżjonijiet dwar it-tneħħija tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE tiddependi fuq l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri għall-fruntieri esterni kollha b'mod uniformi. Hemm obbligu bbażat fuq it-trattati biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni sabiex ma jiġix ipperikolat il-funzjonament taż-żona Schengen. Filwaqt li approċċ aktar restrittiv ma jipperikolax il-funzjonament taż-żona Schengen, approċċ inqas restrittiv minn dak ikkoordinat fil-livell taż-żona Schengen jista' jinvolvi tali riskju. Għalhekk jenħtieġ li Stat Membru wieħed ma jiddeċidix unilateralment li jneħħi r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE għal pajjiż terz partikolari qabel ma titneħħa r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar b'mod uniformi mill-Istati Membri l-oħra għal dak il-pajjiż.

---

13 COM(2020) 399, il-11 ta' Ġunju 2020.

14 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

(13) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-TFUE, din ir-Rakkomandazzjoni ma taffettwax id-Danimarka. Ladarba din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din ir-Rakkomandazzjoni jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

(14) Din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhix qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[15]; din ir-Rakkomandazzjoni għalhekk ma taffettwax lill-Irlanda.

(15) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[16].

(16) Fir-rigward tal-Iżvizzera, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi fi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE[17] moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[18].

(17) Fir-rigward tal-Liechtenstein, din ir-Rakkomandazzjoni tikkostitwixxi fi żvilupp ta' dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, punt A tad-Deċiżjoni 1999/437/KE[19], moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2011/350/UE[20].

(18) L-i*status* legali ta' din ir-rakkomandazzjoni kif imfakkar fil-premessi minn 13 sa 17 huwa mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li l-Istati Membri kollha, fl-interess tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, jiddeċiedu dwar it-tneħħija tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE b'mod uniformi,

---

15 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

16 ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

17 ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

18 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

19 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

20 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Sabiex jiġu ddeterminati l-pajjiżi terzi li għalihom għandha titneħħa r-restrizzjoni attwali fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw il-metodoloġija u l-kriterji stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2020[21] dwar it-tielet valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali għall-UE. Il-kriterji msemmija fil-Komunikazzjoni huma relatati mas-sitwazzjoni epidemjoloġika u miżuri ta' konteniment, inkluż it-tbegħid fiżiku, kif ukoll kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u soċjali.

2. Fir-rigward tas-sitwazzjoni epidemjoloġika, jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jissodisfaw il-kriterji li ġejjin, soġġetti għal rieżami regolari:

   – qrib jew inqas minn 16-il każ ġdid ta' COVID-19 matul l-aħħar 14-il jum u għal kull 100 000 abitant;

   – ix-xejra ta' każijiet ġodda tul l-istess perjodu meta mqabbla mal-14-il jum ta' qabel hija stabbli jew qed tonqos; kif ukoll

   – ir-rispons ġenerali għall-COVID-19, b'kont meħud tal-informazzjoni disponibbli dwar aspetti bħall-ittestjar, is-sorveljanza, it-traċċar tal-kuntatti, il-konteniment, it-trattament u r-rappurtar. Meta d-*data* dwar tali aspetti ma tkunx disponibbli, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punteġġ medju totali tul id-dimensjonijiet kollha għar-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (IHR) meta dan ikun aktar minn 50. Tista' titqies ukoll l-informazzjoni pprovduta mid-Delegazzjonijiet tal-UE fuq il-bażi tal-lista ta' kontroll annessa mal-Komunikazzjoni tal-11 ta' Ġunju 2020.

3. Meta jkun qed jiġi deċiż jekk ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE tapplikax għal ċittadin ta' pajjiż terz, jenħtieġ li r-residenza f'pajjiż terz li għalih tneħħew ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali tkun il-fattur deċiżiv (u mhux in-nazzjonalità).

4. Ir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar jistgħu jitneħħew jew jiġu introdotti mill-ġdid għal pajjiż terz speċifiku skont il-bidliet fil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 fir-rigward tas-sitwazzjoni epidemjoloġika. Jenħtieġ li jiġi applikat teħid ta' deċiżjonijiet malajr f'każ li s-sitwazzjoni f'pajjiż terz tiddeterjora malajr.

5. Madankollu, anki meta r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar temporanju jkomplu japplikaw għal pajjiż terz, jenħtieġ li l-ivvjaġġar essenzjali jkun permess għall-kategoriji ta' vjaġġaturi[22] elenkati fil-Komunikazzjoni tas-16 ta' Marzu[23] u l-11 ta'

---

21 COM(2020) 399, il-11 ta' Ġunju 2020.

22 Kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni essenzjali jew bżonn:
   i. Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, riċerkaturi tas-saħħa, u professjonisti tal-kura tal-anzjani;
   ii. Il-ħaddiema bejn il-fruntieri;
   iii. Il-ħaddiema staġonali fl-agrikoltura;
   iv. Il-persunal tat-trasport;
   v. Id-diplomatiċi, persunal ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, persunal militari, ħaddiema tal-għajnuna umanitarja u persunal tal-protezzjoni ċivili fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom;
   vi. Il-passiġġieri fi tranżitu;
   vii. Il-passiġġieri li jivvjaġġaw minħabba raġunijiet imperattivi ta' familja;
   viii. Il-persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew għal raġunijiet umanitarji oħrajn, b'rispett tal-prinċipju ta' non-refoulement;
   ix. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw għall-iskop ta' studju;

Ġunju 2020[24], u l-Gwida tat-30 ta' Marzu 2020[25]. L-Istati Membri jistgħu jintroduċu miżuri ta' sigurtà addizzjonali għal dawn il-vjaġġaturi, speċjalment meta l-vjaġġ tagħhom joriġina f'reġjun b'riskju għoli.

6. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-kategoriji ta' persuni li ġejjin ikunu eżentati mir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar, indipendentement mill-iskop tal-vjaġġ:

   (a) Iċ-ċittadini tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 20(1) TFUE u ċittadini ta' pajjiżi terzi li, skont ftehimiet bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u dawk il-pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom[26],

   (b) iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul skont id-Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul[27] persuni li jiksbu d-dritt tagħhom li jirrisjedu minn Direttivi oħra tal-UE jew minn liġi nazzjonali oħra jew li jkollhom viżi nazzjonali fit-tul, kif ukoll il-membri tal-familja rispettivi tagħhom.

   Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa li jirrikjedu li persuni bħal dawn ikunu soġġetti għal miżuri ta' awtoiżolament jew miżuri simili mar-ritorn minn pajjiż terz li għalih tinżamm ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar, sakemm dawn jimponu l-istess rekwiżiti fuq iċ-ċittadini tagħhom stess.

7. Jenħtieġ li r-reċiproċità tiġi vvalutata regolarment fuq bażi ta' każ b'każ, b'mod partikolari fir-rigward ta' pajjiżi terzi li għandhom rata ta' infezzjoni aktar baxxa mill-medja tal-UE.

8. Jenħtieġ li dawn il-passi jiġu implimentati mill-Istati Membri kollha fil-fruntieri esterni kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom biex japplikaw il-miżuri kollha b'mod uniformi.

9. Fl-interess tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, jenħtieġ li Stat Membru wieħed ma jiddeċidix unilateralment li jneħħi r-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali fl-UE għal pajjiż terz speċifiku qabel ma titneħħa wkoll it-tneħħija tar-restrizzjoni, b'mod strettament koordinat mill-Istati Membri l-oħra.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

---

x. Il-ħaddiema bi kwalifiki għolja minn pajjiżi terzi jekk l-impjieg tagħhom ikun meħtieġ minn perspettiva ekonomika u x-xogħol ma jkunx jista' jiġi pospost jew isir f'pajjiż ieħor.

23 COM(2020) 115, is-16 ta' Marzu 2020.

24 COM(2020) 399, il-11 ta' Ġunju 2020.

25 C(2020) 2050, it-30 ta' Marzu 2020.

26 Kif definit fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

27 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-i*status* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44.